MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1231/2012

Joseph **FENECH SOLER** f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Blues Limited (C-27393)

vs

**CHEF XPRESS LIMITED** (C-48810)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fil-11 ta' Dicembru 2012, li bih l-atturi ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti (i) taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) issib li l-kumpannija mharrka ghandha taghtihom is-somma ta' mija u ghaxart elef euro (€110,000) li tirrapprezenta l-bilanc tal-hlas

miftiehem dwar trasferiment ta’ negozju skond kitba tat-23 ta’ Frar, 2010, u (iii) tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallashom dik is-somma, flimkien mal-imghaxijiet legali fuqha b’sehh mis-27 ta’ Frar, 2012, sal-jum tal-hlas effettiv. Talbu wkoll l-ispejjez;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigh tal-lum minn rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-Rikors Mahluf;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, it-talbiet dedotti fir-Rikors Mahluf jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ imharrka l-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attrici** u taqta’ l-kawza minghajr is-smigh;

**Tilqa’ t-tieni talba attrici** u ssib li l-kumpannija mharrka ghandha taghti lill-atturi s-somma ta’ mija u ghaxart elef euro (€110,000) bhala bilanc mhux imhallas u miftiehem dwar trasferiment ta’ negozju;

**Tilqa’ t-tielet talba attrici** billi tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallas dik is-somma lill-atturi, flimkien mal-imghax legali fuqha b’sehh mis-27 ta’ Frar, 2012, sal-jum tal-hlas effettiv; u

**Tordna** li l-kumpannija mharrka thallas ukoll l-**ispejjez tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------